**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMHALLEF DR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Att ta' Akkuza Nru: 38/2009**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Emanuel Camilleri**

*Omissis*

**Illum 16 ta' Dicembru, 2015,**

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuza bin-numru 38 tas-sena 2009, migjub kontra l-imsemmi Emanuel Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 508564M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta:

Illi f'Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati li kienu qed isiru arranġamenti sabiex jiġu impurtati ġewwa Malta mill-Olanda ammonti konsiderevoli tad-droga kokajina u cannabis, it-tnejn li jitqiesu bħala sustanza illegali ai fini tal-liġijiet tagħna, u dan ai fini li jiġu ttraffikati. Jirriżulta li kien hemm diversi persuni, xi uħud minnhom li kienu ġol-ħabs ta' Malta, li kienu involuti fl-operat tal-kuntatti u tal-arranġamenti sabiex dan isseħħ. Fosthom kien hemm l-akkużati kif hawn imsemmija.

Illi waqt l-investigazzjonijiet, irriżulta li meta bdew isiru t-trattativi meħtieġa bejn diversi persuni ai fini ta' din l-azzjoni illegali, Emanuel Camilleri, li f'dak iż-żmien kien detenut ġewwa l-faċilita` korrettiva ta' Kordin, beda jikkomunika ma' persuna jew persuni ġewwa l-Olanda sabiex jiġu fornuti ammonti kbar tad-droga kokajina u cannabis, bl-iskop li din id-droga tiġi mportata f'Malta u ai fini ta' traffikar tal-istess f'pajjizna. Hu kien ikkomunika wkoll ma' persuni oħra f'Malta sabiex isiru xi trasferiment bejn persuna u oħra ta' flejjes konsideravoli in konnessjoni ma dawn it-trattativi illeciti. Irriżulta ukoll li hu kien anki kkomunika ma' dawk il-persuni involuti f'din l-organizazzjoni kriminali li kienu ġew ingaġġati sabiex jimpurtaw is-sustanżi illegali, liema komunikazzjonijiet kienu kollha intiżi għall-istess għan u ai fini ta' dan il-pjan maħsub. Fortunatament d-diversi membri ta' din l-organizazzjoni kriminali, ġew arrestati qabel ma' ġie finaliżżat dan il-pjan, filwaqt li l-akkużat Emanuel Camilleri ġie interroġat u sussegwentement tressaq il-Qorti dwar l-involviment tiegħu f'din l-organizazzjoni kriminali.

Illi b'għemilhu l-imsemmi Emanuel Camilleri sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibeigħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Emanuel Camilleri datata it-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Emanuel Camilleri, reċidiv f'delitt, ħati talli assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena

ta' prġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500), u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi waqt l-investigazzjonijiet li bdew f'Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), u minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża irriżulta li l-akkużat Emanuel Camilleri kien avviċina lil diversi persuni fosthom lil *Omissis*, ko-akkużat f'dawn il-proċeduri, u dan sabiex l-imsemmi *Omissis* jittrasferixxi ammont konsiderevoli ta' flus lil persuna oħra involuta fl-organizazzjoni kriminali ai fini tal-forniment u traffikar tad-droga kif preċedentement imsemmija u ai fini ta' dawn l-iskopijiet illeċiti.

Illi rriżulta li l-ko-akkużat *Omissis* aċċetta li jsegwi l-istruzzjonijiet li kien rċieva telefonikament mingħand ħuħ, l-hawn imsemmi u ko-akkużat Emanuel Camilleri, u in esekużżjoni ta' dan il-pjan maħsub huwa għadda ammont konsiderevoli ta' flus lil persuna oħra involuta f'din l-assoċazzjoni, meta kien jaf li dawn il-flejjes kienu intiżi sabiex isir forniment ta' droga illegali minn barra minn Malta għall-iskop tat-traffikar tagħha ġewwa pajjizna kontra l-liġi.

Illi fortunatament il-pjan maħsub ma laħaqx ġie finalizzat peress li l-persuni involuti f'din l-organizazzjoni kriminali għall-iskopijiet imsemmija, kienu ġew arrestati, fosthom l-ko-akkużat *Omissis*.

Illi b'għemilu l-imsemmi *Omissis* sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini

Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi *Omissis*, ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' prġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed, u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u l-akkuzat Emanuel Camilleri pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-Tnejn, 9 ta' Novembru, 2015 fejn l-esponenti, filwaqt li ddikjaraw li qablu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din il-Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammisssjoni da parti tal-akkuzat Emanuel Camilleri ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta minn din l-istess Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal perjodu ta' hdax (11) il-sena flimkien ma' multa ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) u dan oltre s-sanzjonijet u/jew konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluza, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kodici Kriminali,

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru, 2015, l-akkuzat Emanuel Camilleri, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr illi huwa hati tar-reat kif dedotti kontrih.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Issib lil akkuzat Emanuel Camilleri, recidiv u hati talli:

1. Assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni
2. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni kap tal-Att ta' akkuza in vista tal-fatt li dan jirreferi ghall-ko-akkuzat.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm il-piena ghar-reat ammess mill-hati hija dik ta' ghomor il-habs, l-Artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu w ghal fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ghal prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena. Illi imbaghad skont il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati , il-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat , il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal

dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta'mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

Illi raguni ewlenija li adduciet ghal mitigazzjoni fil-piena fir-rigward kienet il-fatt li l-hati ammetta. Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f' riduzzjoni fil-piena. Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran relattiv mill-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) li jigbor fih il-prassi tal-Qrati Inglizi fir-rigward u li gie ripetutament citat u addottat mill-Qrati Taghna;

Ikkunsidrat

Illi l-hati huwa mixli essenzjalment b'kap ta'l-akkuza wiehed li jitkellem dwar l-assocjazzjoni fir-reat tat-traffikar tad-droga u dan meta huwa indahal f'cirku ta' traffikanti sabiex jikkordina operazzjoni kriminali ghal-importazzjoni u l-konsegwenzjali spacc ta' din id-droga. Illi ghalkemm din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li d-delitt ammess mill-hati seta' kellu konsegwenzi serji li iwasslu ghar-rovina tal-hajja ta' tant persuni, partikolarment zaghzagh , li qed jinhakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq darhom l-importaturi w traffikanti tad-droga jaghmlu qliegh kbir ta' flus, liema delitt fortunatament ma sehhx grazzi ghall-intervent tal-pulizija, madanakollu l-Qorti f'dan il-kaz ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni certu fatturi li lkoll flimkien ghandhom iwasslu ghal mitigazzjoni fil-piena. Illi l-hati ammetta ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u wera anke rimors meta xehed quddiem din il-Qorti ghal dak li kien wettaq, tant illi ghalkemm inkarcerat qieghed jipprova

jirriforma hajjtu. Illi di piu' l-hati diga assista lill-pulizija sabiex ikisser l-organizazzjoni kriminali li inghaqad maghha billi offra ix-xhieda kontra l-komplici tieghu u wieghed ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri, wara l-ammissjoni registrata minnu, illi kien ser ikompli jassisti lill-pulizija fil-kawzi kriminali pendenti kontra diversi nies formanti parti minn din l-organizazzjoni u li qed jiffaccjaw process kriminali in konessjoni ma' dan il-kaz. Dan huwa rifless f'dak mistqarr mill-prosekuzzjoni fis-seduta ta' llum fejn gie ddikjarat illi ghandu ikun hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 29 favur l-hati u dan b' zewg gradi. Oltre dawn il-fatturi determinanti fl-erogazzjoni tal-piena li ghandha tigi inflitta, din il-Qorti ma tistax tinjora it-trapass konsiderevoli taz-zmien (erbatax-il sena) minn meta gie kommess ir-reat.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' Emanuel Camilleri għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli:

9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 26 u 29 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali

Tikkundanna lil hati Emanuel Camilleri ghal piena ta' prigunerija ghal perjodu ta' hdax-il sena (11) snin flimkien ma' multa ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000).

Tordna illi jekk il-multa ma titħallasx puntwalment, tiġi kkonvertita f' sena priġunerija ai termini tal-proviso tal-artikolu 11(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-ispejjez perizja, tikkundannah ihallas s-somma ta' mitejn u hamsa u tletin Ewro u tmeinja u tletin centezmu (€235.38), rapprezentanti sehem minn dsatax tal-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Inoltre jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

(ft) Edwina Grima
Imhallef

Franklin Calleja
Deputat Registratur